MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 10/1998/1

**Kummissarju tal-Artijiet**

**vs**

**Rosaria Micallef, Paul Gatt, Dorothy Cini f'isimha proprju u ghan-nom tal-assenti Helen Camboni.**

Il-Bord

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Artijiet li jghid hekk:`

"Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ta' Ftehim datat 23 t'Ottubru 1997 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hja lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-fond f'Hal Tarxien Nru 38 u 39, Sqaq Brittaniku Nru 2, kantuniera ma' u jinkludi fond Nru 40 Misrah ir-Repubbika huwa ta' erbat elef liri Maltin (Lm4,000) kif jidher mir-rapport tal-Perit Carmen V. Sutton A&CE tal-10 ta' Gunju 1997 li kopja tieghu hija annessa mal-istess Avviz ta' Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-13 ta' Novembru 1997 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx l-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' disghin elf lira Maltin (Lm90,000)

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati jitrasferixxu favur ir-rikorrenti b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-fond fuq imsemm, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala n-Nutar tad-Dipartiment tal-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippublika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-atti u jaghti l-provedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88)

Ra r-risposta tal-intimati li tghid:

Illi l-kumpens offert ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-fond f'Hal Tarxien Numri 38 u 39 Sqaq Brittaniku Nru 2, kantuniera ma' u jinkludi fond 40, Misrah ir-Repubblika huwa baxx wisq u ma jirrispekjax il-valur kurrenti fuq is-suq tal-istess fond.

Illi l-intimati kisbu stima minn ghand il-Periti Paul Camilleri B.E.&A. (Hons) A&CE Dip R.C. Struct. (Milan) li kopja tieghu qeghda tigi annessa bhala Dok A. li turi li l-valur gust u reali huwa ta' disghin elf lira Maltin (Lm90,000) u mhux dak indikat mir-rikorrenti.

Illi l-fond in kwistjoni kien jinsab f'kantuniera u kellu faccata ta' hamsa u ghoxrin metru (25m)

Illi l-fond imsemmi kien jinsab li stat strutturali tajjeb, kien fornut bis-servizzi kollha necessarji u kien jinkludi diversi karatteristici fosthom arkati tal-gebel, madum b'disinji antiki, travi tal-injam, xorok. Dan il-fond kien kollu mibni

b’gebel antik u kellu diversi ornamenti ohra mahduma bil-gebel.

Illi inoltre proprjetajiet ohra tal-istes kwalita’ fl-istess inhawi qed jinbieghu ghall-prezz ta’ madwar disghin elf lira Maltija (Lm90,000).

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiehu in konsiderazzjoni l-fatturi fuq indikati biex jistabilixxi l-valur gust tal-fond fuq indikat.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-intimati pproducew stima tal-perit arkitett taghhom Dok A li wara li ddeskriva fid-dettall il-fond in kwistjoni ddikjara li qieghed jabbina valur ta’ Lm90,000 ghall-istess fond.

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC Frederick H. Valentino u  l-Perit AIC Joseph Mizzi ikkonkludew ir-relazzjoni taghhom b’dan il-mod:

“Wara li hadna in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha relatati ma’ dan il-kaz fosthom l-orjentazzjoni ta’ l-istess proprjeta’ fiz-zona storika tal-village core ta’ Hal-Tarxien flimkien mal-akkomodazzjoni nterna w il-konsistenza reali fisika tal-fond esproprijanda li jirrizultalna mix-xhieda li kien ilu fisikament DEMOLIT sa mis-sena 1992 minn kalkoli li ghamilna, ai termini tal-Ordinanza Dwar l-Akkwist ta’ Proprejta ghal Skopijiet Pubblici Kap 88, jidrilna illi l-valur gust tal-fond 38 u 39 Sqaq Brittaniku nru (2) kantuniera ma 40, Misrah ir-Repubblika, Hal-Tarxien huwa tas-somma ta’ ghoxrin elf u tmien mitt liri maltin (Lm20,800) liberu u frank ekwivalenti ghal Euros 48,450.97c freehold”.

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni

unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxi bhala frank u liberu l-fond f'Hal Tarxien Nru 38 u 39, Sqaq Brittaniku Nru 2, kantuniera ma' u jinkludi fond Nru 40 Misrah ir-Repubbika bil-valur ta' Euro 48,450.00. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-3 ta' Dicembru, 2008 fis-2.00 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Richard Sladden biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------